# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 16**

**Rikors Numru 673/05 SM**

**Ramon Micallef**

**v.**

**Joseph satariano u martu Angela**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-29 ta' Mejju 2013 illi permezz taghha laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahdet it-talbiet attrici .

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni datata d-19 ta' Lulju, 2005, li permezz taghha l-attur Ramon Micallef ippremetta sintetikament is-segwenti:

"1. Illi hu kien jikri minghand Joseph Peel il-fond "*basement*" taht "*flats*" maghrufa bhala "*St. Paul's Court*", Triq Bisazza, tas-Sliema, skont ftehim milhuq fit-23 t'April, 2002;

"2. Illi l-attur effettwa diversi xoghlijiet strutturali u ameljoramenti fl-imsemmi fond;

"3. Illi wara li tlestew ix-xoghlijiet u ameljoramenti msemmija fil-paragrafu precedenti l-attur irrilaxxa l-imsemmi "*basement*" favur is-sid biex il-konvenuti Satariano jkunu jistghu jidhlu f'arrangament mas-sid, l-imsemmi Joseph Peel, kif fil-fatt sar;

"4. Illi bejn l-attur u l-konenut Joseph Satariano kien sar ftehim verbali li l-attur icedi l-kirja u l-konvenuti jirrimborsaw lill-attur l-ispejjez kollha li l-attur kien lahaq ghamel fil-fond *de quo* u dan, oltre l-kirjiet u rigal li l-attur kien lahaq ghamel lil Joseph Peel, li kienu komplessivament jammontaw ghal hmistax –il elf, tmien mija u tlieta u tmenin Lira Maltija u hamsin centezmu, (LM15,883.50);

"5. Illi nonostante li nterpellati ufficcjalment f'zewg okkazjonijiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk irrikorra ghal din l-azzjoni biex din il-qorti:

"i. Tiddikjara li ghar-ragunijiet premessi l-konvenuti Satariano ghandhom ihallsu lill-attur Micallef is-somma fuq gia` ndikata;

"ii. Tikkundanna lill-istess konvenuti fuq indikati biex ihallsu lill-attur fuq ukoll indikat is-somma gia` wkoll fuq rilevata;

"iii. Bl-ispejjez kif indikati mill-attur fic-citazzjoni promotrici tieghu kontra l-konvenuti;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata d-29 t'Awwissu, 2005, li permezz taghha sintetikament issollevaw is-segwenti oppozizzjoni:

"1. Illi preliminarjament il-konvenuti m'humiex il-legittimu kontradditturi stante li Joseph Satariano qatt m'agixxa f'ismu

proprju fid-diskussjonijiet li setghu saru bejn il-partijiet rigward il-fond in dizamina;

“2. Illi fil-mertu, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar l-ebda ftehim – la verbali u lanqas skritt – kif allegat;

“3. Illi l-konvenut Joseph Satariano, la f’ismu proprju u lanqas f’isem xi persuna ohra, kemm guridika kif ukoll fizika, qatt ma weighed xejn lill-attur;

“4. Illi ghalhekk mhux responsabbli ghall-ispejjez li l-attur seta’ ghamel fil-fond *de quo*;

“5. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

“Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datata l-5 ta’ Dicembru, 2005, li permezz taghha ordnat li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti tigi trattata u deciza flimkien mal-meritu, (ara fol 13);

“Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

“Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u x-xhieda mismugha minnha kif issa preseduta;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur u tal-konvenuti rispettivament datati l-31 ta’ Lulju, 2012, u l-15 t’Ottubru, 2012, (ara fol 97 u fol 106);

“Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“1. Illi l-attur Micallef kien jikri l-“*basement*” in dizamina minghand certu Joseph Peel skont ftehim datat it-23 t’April, 2002, (ara fol 34);

“2. Illi wara li l-attur ha l-pussess tal-imsemmi fond hu effettwa diversi xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u xoghlijiet ohra ta’ ameljorazzjoni;

“3. Illi wara li ttermina l-imsemmija xoghlijiet, l-attur irrilaxxa d-dritt tieghu tal-kirja tal-istess fond lis-sid Joseph Peel;

“4. Illi dan ir-rilaxx da parti tal-attur sar bl-iskop li l-konvenuti Satariano jkunu jistghu jidhlu f’arrangament huma stess mas-sid Joseph Peel;

“5. Illi sar ftehim verbali bejn l-attur u l-konvenuti biex l-attur icedi l-kirja u l-konvenuti jirrimborzawh l-ispejjez kollha li l-attur kien ghamel fl-istess fond, oltre l-kirjiet u r-rigal li kien hallas lill-imsemmi Joseph Peel, komplessivament ammontanti ghal hmistax –il elf, tmien mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM15,883.50);

“Ikkunsidrat:

“Illi ghalhekk jekk il-procedura tentata mill-attur ghandha timxi l’quddiem, irid principalment jigi pprovat il-ftehim allegat bejn il-kontendenti;

“Illi jidher li l-attur Micallef u l-konvenut Satariano iltaqghu f’kafetterija fejn iddiskutew in-negozju ta’ benjiethom fuq il-fond *de quo*;

“Illi l-attur isostni li fid-diskussjoni li dawn il-kontendenti kellhom hu ghamilha cara lill-konvenut li kien lest jirrilaxxalu l-fond *de quo* kemm –il darba jkun assigurat li jdahhal lura l-ispejjez li kien nefaq fih li bejn wiehed u iehor kienu jammontaw ghal sittax –il elf Lira Maltin, (LM16,000.00), (ara fol 19);

“Illi minghajr ma jirrizulta li l-konvenut qal xejn fir-rigward, hadu b’idejn xulxin u telqu mill-post;

“Ikkunsidrat:

“Illi jirrizulta li l-attur kien precipituz meta ipprezuma b’daqshekk li kien ikkonsolida xi rabta kontrattwali unikament abbazi ta’ semplici azzjoni mekkanika;

> "Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-rieda tal-partijiet necessarjament tirrikjedi li tkun espressa b'mod car w univoku;
>
> "Illi jirrizulta li effettivament li fic-cirkostanza in dizamina l-konvenut kien biss recipjenti tal-proposta hemm imressqa mill-attur u ma jirrizultax li b'xi mod ikkommetta ruhu favorevolment ghall-proposta tal-attur;
>
> "Illi kull ma jirrizulta li ghamel il-konvenut, anke mill-istess xhieda attrici, kien li rceva l-proposta fis-silenzju minghajr ma kkommetta ruhu;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li f'dik ic-cirkostanza partikolari fil-kafeterija riferita l-konvenut accetta l-proposta tal-attur kif dan qieghed jassumi, stante li ma giex ipprovat skont il-ligi li l-istess konvenut esprima l-accettazzjoni tieghu fir-rigward;
>
> "Illi ghaldaqstant il-bazi kollha tal-azzjoni attrici tikkrolla u konsegwentement tirrespingi t-talbiet kollha sollevati mill-attur Ramon Micallef, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess attur.

L-attur ghalhekk appella minn din is-sentenza u qed jitlob ir-revoka taghha u allura li jintlaqghu it-talbiet tieghu; l-appellat irrisponda billi jitlob il-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

Essenzjalment l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti a bazi tal-provi migbura. Fi ftit kliem isostni li l-verzjoni tieghu hija kredibbli u ghandha titwemmen

fil-waqt li l-konvenut isosni li ma ghamel ebda ftehim mal-istess appellant.

Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** 10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** 15 ta' Novembru 2004 l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-*

*gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* **Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014.

Il-Qorti bhal ma jigri spiss fil-litigazzjoni, ghandha zewg verzjonijiet konflingenti ta' dak li gara ghaliex sfortunatament ma kien hemm ebda skrittura bejn il-kontendenti.

Jinsab ravvizat fid-decizjoni fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru, 1966, li "*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

L-istess Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 qalet li:

> "Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza

> “**Farrugia vs Farrugia”,** “mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ in dubio pro reo”.

F’gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet **Zammit v. Petroccochino***, Appell Kummercjali, 25 ta’ Frar 1952 ); “il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta’ probabiltajiet; b’ hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa’ fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola ‘in dubio pro reo’*” – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, *Appell Inferjuri, 17 ta’ Marzu 2003.*

Huwa minnu wkoll li kif jghid l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura – “*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*” kif jghid car u tond l-Artikolu imsemmi u kif gie ripetut diversi drabi f’diversi sentenzi **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim’Awla 31 ta’ Mejju 1972 **u Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995.

Stabbiliti dawn il-principji importanti, wara li ezaminat l-atti sewwa, ghal diversi ragunijiet din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma jirrizulta li sar ebda ftehim bejn il-partijiet. L-ewwelnett ma hemmx dubbju illi l-appellant ghamel diversi spejjez fil-fond in kwistjoni u dwar dan gew esebiti diversi dokumenti senjatament ricevuti ta’ persuni u ditti li jaghmlu xoghlijiet ta’ ‘refurbishing’ ta’ propjetajiet illi jindikaw il-fond in

kwistjoni bhala l-lok fejn saru x-xoghlijiet. Ma tantx allura huwa verosimili li kien se jirrilaxxa l-fond minghajr ma jiehu lura xi haga mill-ispejjez li ghamel. L-iskrittura bejn l-appellant u Peel tghid biss li l-appellant ma kellux dritt jitlob kumpens ghall-benefikati lill-istess Peel u ghalhekk ma timpedihx jigi kumpensat minn min kien se jiehu l-pussess tal-fond. Ghalhekk, fic-cirkostanzi li rrizultaw huwa ferm aktar verosimili dak li xehed l-attur li kien lahaq ftehim verbali mal-konvenut li dan ihallsu ghall-ispejjez li nefaq fil-hanut u huwa (l-attur) jirrilaxxjalu l-hanut.

Oltre dan l-istess appellat fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-ewwel ma eccepixxa kien li ma kienx il-legittimu kontradittur ghaliex '*qatt ma agixxa f'ismu proprju fid-diskussjonijeit li setghu saru bejn il-partijiet ghar-rigward tal-fond f'Bisazza Street*'. Dan imur kontra dak li qal meta xehed u cioe` li qatt ma kellu diskussjonjiet mal-attur u allura ixejjen mhux ftit il-kredibilita` tieghu. Ghalhekk it-talba attrici timmerita li tigi milqugha, salv dak li se jinghad.

Stabbilit dan pero` l-Qorti trid l-ewwel tittratta appuntu din l-eccezzjoni u cioe` li l-konvenut ma hux legittimu kontradittur. Fil-kawza fl-ismijiet **Enemalta v. Tabone Computer Centre Limited**, il-Qorti (Prim'Awla, 2 ta' Gunju 2005) qalet li "*Din il-Qorti tapprezza li kull kumpanija ghandha personalita` guridika indipendenti wahda minn ohra, u hija wkoll "persuna" indipendenti mill-membri li jikkomponuha, pero`, din il-*

*personalita` guridika indipendenti m'ghandhiex tintuza biex dak li jkun jipprova jehles mir-responsabilitajiet tieghu*".

L-istess Qorti kompliet tghid ukoll li;

> "*Huwa obbligu ta' kull "persuna" li taghmel cara l-posizzjoni taghha waqt il-kontrattazzjoni **("Grima Communications Ltd vs Farrugia"**, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2003), u jekk din mhux biss tippermetti li tibqa' tinnegozja bla ma taghmel ebda osservazzjoni dwar il-posizzjoni taghha fir-rigward, izda, anzi, taccetta l-proposizzjonijiet indirizzati lejha u tobbliga ruhha firrigward ta' dak propost lilha, ma tistax wara tallega li hi m'ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni*."

Huwa wkoll risaput li "*min qed jallega li kuntratt ghamlu mhux f'ismu izda fi kwalita` rapprezentattiva ghandu l-oneru li juri li lill-parti l-ohra kien gharrafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun mehtieg li jigi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tidher ghal haddiehor, jew, jekk ma indikat dan espressament, ghall-inqas ikun jirrizulta bizzejjed li l-parti l-ohra tkun ragonevolment taf illi dik il-persuna tkun qeghda tikkontratta f'isem haddiehor*" **George Demanuele nomine v. Mauro Gagliano et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Mejju 1995. Fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cilia noe. v. Charles Scicluna** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 intqal: "*Illi hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li*

*jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … …*"

Huwa evidenti li l-appellat f'ebda hin ma avza lill-appellant li qed jagixxi f'isem xi socjeta` ghaliex lanqas meta xehed ma qal dan – qal biss li dejjem qal lil Peel li kien qed jagixxi f'isem is-socjeta` Outline Limited – izda mkien ma qal li kien qal lill-attur b'dan.

Madankollu l-Qorti taqbel mal-appellat li fir-risposta tieghu ssolleva l-fatt li l-attur ipprezenta biss ricevuti ghall-ammont ta' Lm8,694.75c; fir-rigward tal-bilanc qal li kienu kirjiet imhallsa minnu. Din il-Qorti mhux se taccetta t-talba ghal dak il-bilanc ghaliex kif inghad ma gietx prezentata ricevuta u anke ghaliex kontrarjament ghal dak li inghad fir-rigward tal-ezistenza tal-ftehim ma tarax verosimili li l-konvenut kien jasal biex jaccetta li jhallas kirjiet li fuq kollox kienu dovuti mill-appellant. Ghalhekk se tilqa' t-talba ghas-somma ta' Lm8,694.75c ossija €20,258.76c. L-imghaxjiet huma dovuti kif mitluba ghaliex l-appellant ghamel talba ghal somma gia` likwidata. L-ispejjez se jigu maqsuma peress li t-talba se tigi milqugha ghal cirka nofs l-ammont mitlub.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu limitatament billi thassar is-sentenza appellata u tordna lill-appellat ihallas lill-appellant is-somma ta' €20,258.75c (ghoxrin elf mitejn u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu), bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali imsemmija fic-citazzjoni – spejjez kollha taz-zewg istanzi jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df